it-tomnejn dqiq, jiġifieri bejn wieħed u ieħor sitt wiżniet. Lid-dqiq tagħmillu ħofra ġewwa fih, u titfa' fih daqs bott misħun; tibda tħallat u tagtħi dak in-nofs ponn ta' melħ ta' Malta u tħawwad, terġa' żżid ftit misħun, u tibqa' sejra hekk, sakemm kollox iġġibu bħal donnu tafal imbeżlaq, li jeħel ma' subgħajha, mal-lenbi. Wara dan tħallat il-ħmira.

X'inhi l-ħmira? Hi biċċa għaġina mill-għaġna tal-ħobż ta' qabel, li l-mara tkun refgħet fl-armarju apposta għal din l-għaġna tal-lum. Mingħajr ħmira, il-ħobż jiġi ażżmu, u mhux ħobż imħemmer. Issa taqbad iżżid xi ftit dqiq biex l-għaġina tixxotta xi ftit, sakemm iġġibha ħaġa waħda, li ma tibqax teħel ma' subgħajha u mal-lembi, u ma jkunx baqa' mal-qiegħ u mal-ħitan tiegħu ebda nitfa ta' dqiq jew ta' għaġina. Biss li l-għaġina tiġi aktar ratba, ratba, milli iebsa.

iii) **L-Għaġina tinħadem.** — Hawn issa l-mara turi l-qawwa ta' dirgħajha għax tibda togħrok l-għaġina billi taqbad biċċa minnha mingħajr ma tifridha mill-bqija, u tgħaddiha fuq ommha, u terġa' minn band'oħra, u tqallibha, u tagħtiha bil-ponnijiet ("ponn" darba niesna kienu jsejħulu "behem"), u togħrok, u ssawwat, u tqalleb, u tkagħbar, u tkidd fiha...... sakemm il-povra mara tkun ixxarrbet bil-għaraq u dirgħajha ma jifilħux iżjed.

Imma għaliex dan it-taħbit kollu? Sabiex il-ħmira titqassam sewwa mal-għaġina kollha, u sabiex b'hekk il-ħobż aktar jintefaħ fil-forn u jerħi l-indewwa tiegħu.

Meta l-mara tara li l-għaġina nħadmet biżżejjed, tħalliha hemm fil-lenbi. Hawn l-għaġina tieħu l-isem ta' ħobża. Il-mara tgħattiha sewwa b'xi xkora, imma aħjar b'xi gverta tas-suf. Il-ħobża, hekk mgħottija, mhux biss ma titlifx dik id-daqsxejn ta' sħana li ħadet mill-ilma fietel, u mill-kedd li l-mara kidditha, imma tisħon iżjed minħabba l-ħmira li fiha; u taqbad tikber, u togħla, u titla', titla', u turi fil-wiċċ tagħha dawk l-infafat u bokok li jinfaqgħu. Fis-sajf sabiex il-ħobża ssir hekk trid biżżejjed nofs siegħa jew xi nagra iżjed, imma fix-xitwa kiesħa teħodlok mas-siegħa u nofs: mela skond l-istaġun.

Intant, il-mara hi u tgħatti l-ħobża bil-gverta, tgħidilha "kliem ir-riqi"; għaliex il-mara Maltija ta' dari kont issibha aktar ruħ li temmen bis-sempliċità mill-mara tal-lum; u xi talbiet li kellha, aħna l-lum ngħadduhom bħala "superstizzjonijiet". Imma ma nistgħux immaqdruha sa l-aħħar, għaliex kienet tara f'kollox l-Id t'Alla, fih tittama fil-bżonnijiet li jkollha.



Isimgħu mela kif kienet tgħidilha:

a) Itla' u fur
bħalma Kristu
tela' mill-bur.

b) Itla' u thenna,
u la tħallix min jistenna.

ċ) Itla' u thenna
bħal meta Kristu
tela' l-Ġenna.

d) Itla' u rendi,
u imla l-lenbi

e) Itla' u strieħ
bħal meta d-dqiq
ikun ġewwa s-siegħ.

f) Itla' fil-friex
biex toħroġ
bħal tan-nies (3).
*(Jissokta)*

(3) Cfr. "X'jgħid il-Malti" ta' Patri Manwel Magri, S.J., paġ. 119.

## VERSI

### *Ta'* MARĊELL MIZZI

It-tfajliet li ħabbejt f'ħajti
iżżewġu ma' ħaddieħor.
Kont għaż-żejjed u n-nieqes.
Baqagħli t-tifkiriet.

Mit-tfajliet tal-għomor tiegħi
ma baqax ħlief erba' koroħ,
Il-bniet li qegħdin jilħqu
ma fihomx ħlief inkwiet.

Dawk ta' żmieni li żżewġu
it-tfal bdew idejquhom.
Min jiddejjaq bl-istorbju,
min jiddejaq bis-skiet.